MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 541/2009

**Silvana Azzopardi ID-46672M**
**vs**
**Mario Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Gunju 2009, fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta’ €412.68c (erba’ mija u tnax il-ewro u tmienja u sittin centemzu) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut in konnessjoni ma manteniment dovut lilha u lil binhom minuri u kif ukoll spejjes inkorsi fl-edukazzjoni u sahha ta’ l-istess minuri skond ma kif ordnat mill-Qorti tal-Familja b’digriet datat 22 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-istess ismijiet citazz numru 280/08.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 18 ta’ Awissu 2009 fejn ikkontesta t-talba attrici u afferma li huwa dejjem aderixxa ruhu mad-digriet tal-Qorti fl-intier tieghu;

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ezamina l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra.

Illi d-divergenza bejn il-partijiet jinsab biss fil-fatt fuq jekk thallsux o meno il-flus mitluba f'dan il-kaz. Huwa pacifiku bejniethom il-fatt dwar l-obbligu u l-kwantum tal-hlasijiet kif ordnat permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Familja u kif ukoll dwar il-fatt li salv l-ammont mitlub, il-konvenut dejjem hallas hekk kif ordnat sew qabel u sew wara li nqalghet il-kwistjoni odjerna. Illi anqas ma hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut dwar l-ispejjes per se reklamati f'din il-kawza. Huwa jafferma li kien gia hallas lil martu l-ammont mitlub minnu f'din il-kawza filwaqt li l-attrici tinsisti li zewgha ma kienx hallasha.

Illi tenut kont tal-fatt li l-konvenut qed jeccepixxi l-pagament, l-oneru tal-prova tinkombi fuqu u mhux fuq l-attrici. Il-partijiet qabblu li l-modalita tal-pagamenti kien u ghadu jsehh billi l-konvenut ihalli l-flus fuq skrivanija gewwa d-dar fejn it-tnejn li huma ghadhom ighixu sal-gurnata tallum. Illi wara li nqala l-incident u n-nuqqas ta' qbil meritu ta' dina l-kawza, filwaqt li l-attrici bdiet tirrilaxxja l-ircevuta relattiva sabiex tevita cirkostanza ohra simili, l-konvenut mill-banda l-ohra baqa jhallas bl-istess mod cioe dik li jhalli l-flus gewwa enveloppe fuq il-mejda u dana nonostante li nqala d-disgwid odjern. Illi dan il-fatt ma tantx iwassal biex jaghti wisq kredibbilita ghal verzjoni tal-konvenut u dana qed jinghad apparti l-fatt li mix-xhieda mismugha minn dan it-Tribunal taz-zewg partijiet, l-attrici dehret ferm aktar kredibbli minn zewgha fir-rakkont taghha. Fi kwalunkwe kaz jinghad ukoll li fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilita il-konvenut naqas li jressaq provi

konvincenti lil dan it-Tribunal dwar il-pagament li huwa allega li ghadda lill-attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ €412.68c (erba’ mija u tnax il-ewro u tmienja u sittin centemzu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------